

# Ċ 5.1 NIĊĊELEBRAW

**Ċ5.1.1.**
Nidentifikaw iċ-ċelebrazzjonijiet prinċipali li niċċelebraw fid-djar tagħna.

## A. Jien min jien?

Jiena jien. Differenti minn ħaddieħor għaliex għandi personalità u karattru li huma tiegħi biss. Waħħal ritratt tiegħek.

**Imla l-vojt.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ismek: | __________ | Kunjom: | __________ |
| Data tat-twelid: | __________ | Età: | __________ |
| Nazzjonalità | __________ | Lokalità: | __________ |
| Isem ħutek: | __________ | Skola: | __________ |

## B. Aħna lkoll ngħixu ma' xi ħadd. Dik hi l-familja tagħna.

Fil-familja tagħna nitkellmu, nifirħu, nibku, niġġieldu u niċċelebraw flimkien okkażjonijiet differenti. Inti x'tiċċelebra fil-familja tiegħek?



**Ċ. Aqra, imbagħad wieġeb:**



Meta titwieled tarbija ġdida, din iġġib ħafna ferħ fil-familji tagħna.

**Semmi żewġ modi kif normalment aħna l-Maltin niċċelebraw it-twelid ta' tarbija ġdida.**

1. ______________________________________________

2. ______________________________________________

**D. Dawn huma ċelebrazzjonijiet li nagħmlu fil-familji tagħna.**

**Veru jew Falz?**

1. għeluq snin ħija ż-żgħir ________
2. Jum ir-Repubblika ________
3. meta oħti ggradwat mill-Università ________
4. Jum ir-Raħal tagħna ________
5. meta ħija għamel l-Ewwel Tqarbina ________
6. meta oħti għamlet il-Griżma tal-Isqof ________
7. l-iskola ħarġet regola ġdida ________
8. nirċievi riżultati tajbin fl-aħħar tas-sena ________
9. il-kuġina se tiżżewweġ is-sena li ġejja ________
10. laħaq sindku ġdid fir-raħal ________
11. ħareġ ktieb ġdid bil-Malti ________



**E. Ikteb żewġ raġunijiet għaliex iċ-ċelebrazzjonijiet li nagħmlu d-dar huma importanti.**

l-ewwel raġuni:

it-tieni raġuni:

**F. L-Esperjenza Tiegħi**

Penġi jew waħħal ritratt meta inti għamilt l-Ewwel Tqarbina.

1. Kif ħassejtek dakinhar?

2. X'għamilt speċjali?

3. Kif iċċelebrajtu dakinhar?

**Ġ. Liema hi ċ-ċelebrazzjoni li għoġbitek l-aktar fil-familja? Għaliex? Ikteb ftit sentenzi dwarha.**